# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt

**21/18**

**Minuti tal-wieħed u għoxrin (21) Laqgħa b'Urġenza tas-sena 2012, li ssejħet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, nhar 'l Erbgħa, 16 ta' Mejju, 2012 fil-6.00 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u skużati** | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier (ittre, appuntament mat-terapista) |
| | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier (kellu inċident bil-karozza qabel il-laqgħa, ittre irċevejniha wara ftit jiem) |

**Aġenda:** *Management Letter*

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija.

### *1 Management Letter*

1.1 Il-*Management Letter* għas-sena li spiċċat 31 ta' Diċembru 2011, bir-riferenza ABC/sca/040212 u datata 27 t'April 2012, tqassmet lil kull Kunsillier billi tpoġġiet fil-fajls tagħhom u nfurmajnihom biex jgħaddu għaliha fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Is-Sur Stephen Sultana ippropona li nieħdu l-*Management Letter* bħalha moqrija.

1.2 Punt 1.1 *Income* –

1.2.1 2.1 u 2.3 (*income from trenching permits*)- *Water Services Corporation (WSC).*
Jidher li l-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv (ASE) is-Sur Joseph M Formosa ma ħax ħsieb ta' dawn ir-rapporti tal-Korporazzjoni għas-Sevizzi tal-Ilma. Is-Sindku Horace J Anastasi informa lill-Kunsillieri li l-iskrivani diġa' bdew jirreġistraw ir-rapporti/permessi

tal-Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-Ilma li jkollu l-Kunsill Lokali u, mbagħad, dawn jgħadduhom lill-Accountant. L-iskrivani ntalbu jagħmlu lista tar-rapporti/permessi tas-sena l-oħra wkoll. Is-Sindku ġie mistoqsi dwar l-*Option A* u l-*Option B* fejn kellu jiddeċiedi dan l-aħħar il-Kunsill, imma din ma kelliex x'taqsam mal-punt 1.1 tal-*Management Letter*.

1.3 Punt 1.2 *Payroll* –

1.3.1 Dwar €49 tal-onorarja, s-Sindku ma kien jaf xejn sakemm l-Awditur ġibdilna l-attenzjoni. L-*Accountant* ħadet ħsieb li din l-onorarja titnaqqas matul ix-xhur skont kif indika l-awditur.

1.4 Punt 1.3 *Expenditure* –

1.4.1 Is-Sindku informa lil-Kunsillieri li l-awditur kien irrimarka li l-Kunsillieri kellhom *insurance* li tkopri '*worldwide*' u ma kientx ibbażata fuq Malta biss. Fil-fatt, meta l-ASE is-Sinj Louise Gusman iċċekkjat ma' tal-*Insurance*, qalulha li bħala flus ma kienx hemm differenza imma, l-ASE infurmat l-*insurance* li aħjar jagħmluha li tkopri lill-Kunsillieri f'Malta

1.5 Punt 1.4 *Local Enforcement System (LES)* –

1.5.1 11.1 – Is-Sindku informa lil-Kunsillieri preżenti li dak inhar stess kien attenda għall-laqgħa tal-Kumitat Konġunt fejn l-awditur tal-*LES* ippreżenta r-rapport tiegħu. Is-Sindku ppreżentah fuq il-mejda. L-ASE is-Sinj Gusman għandha tibgħat kopja ta' dan ir-Rapport li huwa iffirmat miċ-Ċermen u mis-Segretarju, lil Awditur tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera.

1.6 Punt 1.5 *Fixed Assets* –

1.6.1 Is-Sindku informa lil-Kunsilliera preżenti li waqt waħda mil-laqgħat tal-Kunsill Lokali kien ġie approvat li setgħu jinxtraw l-inġenji li kien hemm bżonn għall-Ġonna u *Soft Areas* u li kien hemm somma ta' flus ivvutata sakemm setgħu jonfqu. Is-Sindku sostna li huma kienu marru għand id-Dipartment tal-Gvern Lokali fejn qalulhom li jekk il-Kunsill jaħdem bil-ħaddiema li għandu, u jekk il-Kunsill jinghata il-*go ahead* mid-Dipartment, il-Kunsill ikun jista' jixtri mill-allokazzjoni li għandu.

1.6.2 Is-Sindku saħaq li għandu l-konferma lill-ħaddiem jista' jagħmel ix-xogħol ta' ġardinar u d-Dipartiment jaf b'dan u l-Kunsill kien diġa' jaf li ser tinxtara l-għodda. Is-Sur Sultana staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lid-Dipartiment dwar dan? Is-Sindku sostna li l-Kunsill kien kiteb li jekk bil-ħaddiema tal-IPSL niffrankaw, l-Kunsill ikun jista' jixtri l-inġenji għall-ġonna/*soft areas*. Is-Sindku kompla li l-Kunsill kien ippreżenta dan u fil-fatt, is-Sur Grillo tal-IPSL kien irrakkomanda lil Manwel Camilleri sabiex jaħdem bhala ġardinar. Hawnhekk is-Sindku spjega x'inhu proprju x-xogħol tal-ħaddiema tal-IPSL u x'inhu x-xoghol li mhux suppost jagħmlu.

1.6.3 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ikkonferma u kien ippreżenta l-ittra fuq dan is-suġġett. Is-Sur Sultana qal li hemm nuqqas ta' manutenzjoni fil-ġnien. Hawnhekk is-Sindku spjega kif kien hemm problemi fuq id-dawl u fuq l-istess ġnien minn żmien lis-Sur Sultana kien Sindku hu. Għad li l-lum, xorta jonqos ħafna xi jsir almenu s-sistema tad-dawl inbidlet u ġiet solvuta u ż-żbir qed isir mill-ħaddiem tal-IPSL. Żied jgħid li anke meta twaħħlu l-*perspex* 'il ġodda, reġgħu kissruhom xi vandali bħalma tkissru xi lampi u vażi. Dejjem sar rapport lill-Pulizija. Is-Sindku saħaq ukoll, li ser jipprova jbiddel l-irjus tal-lampi bl-i*stands* imma hemm 65 waħda x'tinbidel u ma jafx l-ispiża.

1.6.4 Is-Sindku jemmen li l-Kunsill ta' Santa Venera irid jidhra jfendi għar-rasu u b'hekk ikun jista' jimxi l-quddiem. Il-Kunsill għandu baġit ta' €3000 għal-ġonna u l-Kunsill mhux se jistenna l-bajtra taqa' f'ħalqu. Is-Sur Sultana qal li l-Kunsill suppost iqabbad ġardinar b'*tender* imma, l-liġi finanzjarja torbot. Is-Sindku qal li meta kien għalaq il-latrina, huwa ħa ħsieb li jressaqha Kunsill fuq il-premessa li hemm il-Pulizija għaddejin bil-każ. Mill-investigazzjonijiet li saru mid-DLG, il-Kunsill mhux ser jieħu xejn u fil-fatt, id-DLG naqqas il-fondi tal-allokazzjoni. Is-Sindku żied jgħid lid-Dipartment ser jagħti lill-Kunsill il-flus li nteffqu ta' meta kien sar it-tisbiħ tal-latrina.

1.6.5 Is-Sindku qal lis-Sur Martin Bugelli u s-Sur Carmelo Abela kienu taw il-*go ahead* u li huwa kien bagħat il-minuti lil ASE fuq dan is-suġġett. Is-Sindku saħaq lid-deċiżjoni kienet ittieħdet.

1.7 Punt 1.5 - *Fixed Assets*– Hemm bżonn li jinbiddlu l-*final findings*.

1.7.1 Fuq il-*Fixed Assets Register (FAR)*, l-eks ASE is-Sur Formosa ma kienx għalaq dan ir-reġistru qabel ma spiċċa minn mal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera u lanqas għamel *update* fuq il-*Fixed Assets Register* sakemm kien għadu jaħdem mal-istess Kunsill. Fil-fatt, l-ASE is-Sinj Gusman ma ngħatatx *handover* fuq dan il-*Fixed Assets Register* u fuq ħafna affarijiet oħra.

1.7.2 Is-Sinj Gusman spjegat lill-Kunsillieri li biex taħdem fuq il-*FAR*, Il-Kunsill irid ikollu programm tal-*Pastel Evolution*. Il-Kunsill għandu programm qadim ta' din is-*software - version 11* imma, hemm bżonn li l-Kunsill jixtri l-programm tal-aħħar li huwa verżjoni 18. Hawnhekk il-Kunsillieri qablu *nem con* li jinxtara dan il-programm ħalli l-ASE tkun tista' tibda taħdem fuqu.

1.8 Punt 1.7 *Creditors*

1.8.1 L-Eks ASE is-Sur Formosa jidher li ma kienx ħa ħsieb li jitlob lista tal-bilanċi mis-*suppliers* tal-Kunsill Lokali. L-ASE is-Sinj Gusman trid tibda titlob *statements* mingħand is-*suppliers* kif indika l-awditur. Fil-fatt, dan il-proċess diġa' beda, u meta l-Kunsill ikollu l-*Pastel Evolution*, wieħed ikun jista' jara l-*statements* minn dan il-programm.

1.9 Punt 1.8 *Council's meetings*

1.9.1 Is-Sur Sultana stqarr li huwa importanti li meta l-Kunsill isejjaħ laqgħat b'urġenza u jissejħu tliet (3) laqgħat b'urġenza f'daqqa, jekk Kunsillier ma jkunx jista' jattendi għal waħda (1) mill-laqgħat, mhuwiex sew li wieħed jiġi imniżżel bħala assenti għat-tliet (3) laqgħat peress li dawn ikunu laqgħat fl-istess ġurnata. Is-Sindku wieġeb li sakemm ma tinbidilx il-liġi bilfors ma nistgħux nagħmlu dak li qed jissuġġerixxi s-Sur Sultana.

1.10 Punt 1.12 *Electronic site –*

1.10.1 l-Eks ASE is-Sur Formosa ma kienx ressaq is-*schedule of payments* indikati fil-*management letter*, fiż-żmien stipulat bil-ligi.

1.10.2 Saret diskussjoni fuq il-minuti tas-7 laqgħat pendenti li kellu l-Kunsill. L-ASE is-Sinj Gusman infurmat lil-Kunsillieri li dawn l-minuti kienu pendenti minħabba investigazzjoni li kienet għadha għaddejja, u li ġew ikkorreġuti wara li saret laqgħa tal-Kunsill Lokali apposta minħabba fihom u, li ser jittellgħu fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera minnufih.

1.11 Punt 1.13 *Financial Statements –*

1.11.1 l-ASE ghandha tagħmel kuntatt mal-*Accountant* sabiex tagħti spjegazzjonijiet fuq dawn in-nuqqasijiet. L-ASE kienet diġa' kitbet lill-*Accountant* Romina Perici Ferrante fuq dan u, għandha terġa' tibgħatilha.

1.12 Punt 2 *Income –* jirreferi għall-punt 2.3 *Income from trenching permits*:

1.12.1 Hawnhekk ġie spjegat kif l-*Accountant* ma kienetx għamlet proviżjoni għal dan peress li kien għad hemm ftehim bejn l-AKL u l-WSC.

1.13 Punt 3.1 *Payroll –*

1.13.1 *Performance Appraisal Bonus* - Hawnhekk is-Sindku spjega li l-Bonus tal-*performance appraisal* tal-ASE is-Sinj Gusman xtaq iħallih f'idejn id-Direttur tad-DLG peress li ma setgħax jiddeċiedi fuq din peress li l-ASE kienet inħatret lejn tmien l-aħħar tas-Sena 2011, fid-19 ta' Diċembru u s-Sindku u l-Kunsill ma kienu jafu xejn dwarha.

1.13.2 Wages reconciliation - L-ASE is-Sinj Gusman ser isaqsi lil-Accountant is-Sinj Perici Ferrante dwar din id-differenza ta' €1918 li ndika l-awditur.

1.14 Punt 3.5 *Mayor's honorarium*

1.14.1 l-Onorarja tas-Sindku qiegħda titnaqqas kif indika l-awditur u lis-Sindku m'għandu l-ebda tort. L-ASE is-Sinj Gusman għandha tikteb lil-*Accountant* biex tagħti rendikont ta' kif qiegħda tinqata l-onorarja u l-ASE tinforma lis-Sindku u lis-Sur Sultana.

1.14.2 Is-Sur Sultana staqsa jekk l-Kunsillieri kellhomx jingħataw lura xi allowances u s-Sindku wieġeb fin-negattiv.

1.15 Punt 4 *Expenditure* –

1.15.1 4.7 – *Quotation procedures* - Is-Sindku informa lil-Kunsillieri preżenti li kull meta kien hemm xi issue legali li ma setax jieħu ħsiebha hu kien ikollu jqabbad l-Avukat. Is-Sindku kompla billi qal li kien ġibed l-attenzjoni lill-eks ASE is-Sur Formosa biex ma joqgħodx iċempel lill-Avukat Dott. Sladden kull darba li kien ikollu xi problema ħalli ma jitilgħux il-kontijiet tal-Avukat. L-Eks ASE ma kienx jimxi skont il-proċedura tal-*Procurement*.

1.15.2 Fuq l-affarijiet li kienu jinxtraw mingħand *Rocky Ironmongery*, is-Sindku kien informa lill-eks ASE is-Sur Formosa u lill-Iskrivana Maria Aquilina biex kif jaslu għas-somma li suppost naslu ta' xiri b'ordni diretta jieqfu milli jixtru mingħand dan l-Ironmongery u jixtru mingħand ħaddieħor. Is-Sindku kompla jgħid li kemm is-Sur Formosa kif ukoll is-Sinj. Aquilina kienu jafu imma, skont dawn ir-riċevuti jidher li xorta baqgħu jixtru minghand l-istess *supplier*.

1.15.3 Fuq Cold asphalt tal-Bitmac, hawnhekk is-Sindku informa lill-Kunsillieri li l-awditur irid jibdel din in-nota peress li fil-każ tal-Bitmac ma kienx hemm għalfejn li l-Kunsill jitlob għall-kwotazzjonijiet peress li l-ammont ma qabiżx l-ammont stabbilit bil-liġi tal-finanzi.

1.15.4 Jirreferi ghal punt 4.10 *Street lighting contract* –

1.15.4.1 Laqgħa tal-*Northern Harbour District (NDH)* : Is-Sindku informa lil-Kunsillieri preżenti li waqt il-laqgħa li attenda hu u l-ASE is-Sinj Gusman, is-Sur John O'Dea infurma lil min kien preżenti lit-*tender* tal-Kuntrattur tad-dawl kien sa Novembru 2011 u li l- AKL u DLG infurmawna biex jibqu għaddejjin b'dan il-kuntratt. Is-Sindku qal li kiteb biex il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera ma jibqax iħallas għal servizz li ma jidhirx li qed jingħata.

1.15.4.2 Is-Sur Sultana staqsa jekk id-dawl jagħmilx parti mill-kumitat. Is-Sindku fil-fatt, kien stqar waqt il-laqgha tal-*NDH* li l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera mhuwiex kuntent bix-xogħol tal-kuntrattur tad-dawl u ma setax jifhem 'il għala għandna nħallsu lin-*NDH* meta l-kuntratt hu terminat. Saret diskussjoni fuq l-Korporazzjoni tal-Enemalta, l-arbli, eċċ. Is-Sindku kien kiteb lill-AKL u DLG li l-Kunsill Lokali ta' Santa Venera mhuwiex ser iġedded il-kuntratt. Is-Sur Sultana staqsa kemm ser jiġi estiż l-kuntratt u s-Sindku wieġeb li waqt il-laqgħa tal-*NDH*, din l-informazzjoni ma ngħatatx u li m'għandniex inkomplu nħallsu lis-Sur John O'Dea flus li mhux qed naraw riżultati. Il-Kunsill jaqbel ma' dina d-deċiżjoni.

1.16 Punt 4.12 – *Opening of tender*.

1.16.1 Hawnhekk is-Sindku informa lill-Kunsillieri li l-awditur irrimarka li l-eks ASE, is-Sur Formosa ma żammx mar-regoli meta kellhom it-*tender* PPP1/20/8/2010 peress li ma ħalliex xahar bejn il-pubblikazzjoni tat-*tender* u l-għeluq tas-sottomissjonijiet tal-offerti.

1.17 Punt 4.14 – *Performance bonds*

1.17.1 Is-Sindku spjega li fil-fatt, il-*Performance bond* preżentatha mill-Perit Bezzina kienet korretta. L-ASE is-Sinj Gusman għandha tara jekk din in-nota li rċieva l-Kunsill mill-Perit ingħatatx lill-awditur. Saret diskussjoni fuq il-Perit u li l-offerta tal-Perit Bezzina ma kenitx l-orħos offerta. Is-Sindku fakkar lill-Kunsill x'kienet ir-raġuni 'l għala m'ntgħażlitx l-orħos offerta.

1.18 Punt 6 – *Debtors*

1.18.1 6.1 – *Credit note from MP & DC Consultants* - Is-Sindku informa lill-Kunsillieri preżenti li l-ASE Is-Sinj Gusman kitbet lill-Perit Stephen Farrugia li jirrapprezenta lill-*MP & DC Consultants* fejn talbet li jintraddu l-flus tal-*credit note* peress li l-Kunsill Lokali m'għadux juża s-servizz ta' din il-Kumpanija.

1.18.2 Punt 6.3- *Accrued income*

1.18.2.1 Hawnhekk l-ASE għandha tara x'kienu l-€1163 tas-sena 2010 u li l-eks ASE is-Sur Formosa ma kienx ħa ħsieb biex jara li jintraddu.

1.18.2.2 Is-Sinj Gusman spjegat li kif bdiet taħdem il-Kunsill, din kienet l-ewwel ħaġa li ħadet ħsieb. Fil-fatt, kienet talbet biex issir estensjoni tal-għeluq taċ-ċirkulari peress li ma kenitx infurmata mill-ASE is-Sur Formosa dwar il-flus li setgħu jintraddu u ħadet ħsieb lir-riċevuti li ma kienux intbagħtu , bagħtithom lid-Dipartment u fil-fatt, il-flus skont dawn ir-riċevuti ngħataw lura. L-ASE is-Sinj Gusman għandha tikteb lid-DLG sabiex tipprova tieħu il-flus tas-sena 2009 ukoll. Imma, peress li għadda ħafna żmien, ser jkun diffiċli.

1.19 Punt 7 *Bank and cash –*:

1.19.1 7.3 *Bank guarantee*- Hawnhekk l-ASE is-Sinj Gusman għandha titlob lil-*Accountant* biex tagħti rendikont għalfejn l-awditur innota differenza bejn *bank guarantee* favur il-*MEPA* imma, l-*Accountant* niżlitha' bħala €1,260 fil-*financial statement.*

1.20 Punt 8 *Creditors* –

1.20.1 Punt 8.4 *Trade creditors* - L-ASE Is-Sinj Gusman infurmat l-Kunsillieri li kienet kitbet l-*Accountant* fuq din imma, l-*accountant* kienet għadha ma tagħtix spjegazzjoni bil-miktub. L-ASE ser terġa' tibgħatilha notifika.

1.20.2 Punt 8.6 *Disputes with Suppliers* - Club tal-Bocci – is-Sindku informa lil-Kunsillieri li l-kont tad-dawl u tal-ilma tħallas din il-ġimgħa. Huwa nfurmahom ukoll li l-Pulizija bgħatu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma. L-investigazzjoni għadha għaddejja imma s-Sindku qal li qed isiru diskussjonijiet pożittivi mas-Segretarju tal-Club tal-Bocci s-Sur Alfred Zammit.

1.20.3 Punt 8.9 *Long-outstanding suppliers* - Is-Sur Sultana qal li din iċ-ċifra kienet ġiet ikkontestata. Il-Gvern kien qal li l-Kunsill huwa responsabbli għall-pavimentar u l-ħlas tad-dawl li nħadmu snin ilu, u kompla li mbagħad, kellhom iċeduhom. Fil-fatt, is-Sindku informa lil-Kunsillieri preżenti li dawn kienu tħallsu fi żmien li huwa kien Sindku.

1.20.4 Punt 8.12 *Accrued expenditure* - Is-Sindku spjega li wara l-manutenzjoni li saret għall-Latrina Pubblika, il-Kunsill qiegħed jistenna lid-DLG jrodd l-flus li ntefqu. L-ASE is-Sinj Gusman trid tikteb lis-Sur Chris Galea biex tfakkru fuq din il-materja.

1.20.5 Punt 8.14 Is-Sur Sultana qal li huwa importanti li l-eks ASE is-Sur Formosa jieħu il-*performance bonus*. Hawnhekk innutaw lis-Sur Formosa ma kienx imsemmi fl-ittra tal-awditur. Is-Sur Sultana saħaq li għallinqas l-eks ASE jingħata 4 xhur paga. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien kiteb lid-DLG u għadu qiegħed jistenna għar-risposta. Huwa qal li aktarx li l-ex ASE kien qiegħed jithallas mill-Kunsill Lokali tal-Gudja u probabbli li l-ftit tal-ħin li kien iqatta' fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, kien suppost qiegħed il-Kunsill tal-Gudja. Għalhekk is-Sindku qiegħed jistenna għad-direzzjoni mid-DLG fuq din il-materja. Is-Sur Anastasi fakkar li kien il-Kunsillier Edwin Formosa li ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar li l-eks Aġent Segretarju J. M. Formosa ma kellux jitħallas mill-Kunsill tagħna għax kien qiegħed jitħallas mill-Kunsill tal-Gudja. Hawn qabel miegħu l-Kunsillier Charles Camilleri. Is-Sindku żied jgħid li huwa jemmen li jekk hemm xi ħadd lill-Kunsill lokali ta' Santa Venera li ried iħallas kien lill-Kunsill tal-Gudja.

1.20.6 Fuq l-Eks ASE is-Sur Joseph Ludovic Cassar – l-investigazzjoni għadha mhijiex eżawrita u li l-Kunsill Lokali għandu jieħu deċiżjoni. Jekk l-investigazzjoni ma tingħalaqx mid-DLG, dan is-suġġett għandu jitressaq waqt laqgħa tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku fakkar ta' meta *street furniture* u xi fajls kienu ilhom snin biex jinstabu u wara li l-eks Viċi Sindku s-Sur Anastasi kien tkellem mal-Kunsillier is-Sur Edwin Formosa dwar dan, dal-Kunsillier ressaqha Kunsill. Wara jumejn instab kollox.

1.20.7 Is-Sindku qal li l-ittra tal-Avukat tas-Sur Joseph Cassar, li kien ircieva l-Kunsill Lokali, kienet għax il-Kunsill kien ġab lis-Sur Joseph Cassar fuq il-fuljett. Din l-ittra kienet ingħatat lill-eks ASE is-Sur Formosa bħala korrispondenza tal-Kunsill Lokali.

1.20.8 Punt 8.18 *Tipping fees*:

1.20.8.1 Dwar il-bilanċ ta' €17, 269 – l-ASE is-Sinj Gusman għandha tinforma lill-*Accountant* fuq din il-proviżjoni ta' €17,269.

1.21 Punt 9 *Financial Statement*

1.21.1 Punt 9.1 - L-ASE għandha titlob l-*Accountant* sabiex tagħti spjegazzjoni bil-kitba ta' dawk il-punti li ressaq l-awditur li jirrigwardjaw lill-*accountant Romina Perici Ferrante*.

*1.21 Meetings*

1.21.1 Punt 10.7 *Adjournment of Meetings*: Hawnhekk is-Sindku informa l-Kunsillieri li l-Kunsillieri assenti u l-assenti skużati dejjem kienu approvati waqt il-laqgħat u, se jibqa' jsir hekk.

1.21.2 Punt 10.10 *Attendance at meetings*: L-ASE għandha tinforma lill-Ministru fuq l-assenti tal-laqghat tal-Kunsill u li trid timxi mal-liġi tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku żied jgħid li m'hemmx għalfejn il-Kunsill jitlob biex is-siġġu jiġi vakant iżda, xorta riedna ninfurmaw lill-Ministru. Is-Sur Anastasi rrimarka li ma jaqbilx li f'dawn iż-żmenijiet lis-siġġu jiġi vakant.

1.22 Punt 12 *Annual administrative report –*

1.22.1 Punt 12.2 L-Eks ASE is-Sur Formosa ma lestiex r-Rapport Amministrattiv u dan kellu isir mill-ASE il-ġdid is-Sinj Gusman bl-għajnuna tas-Sindku.

1.23 Punt 13 *Change in executive secretary*

1.23.1 L-awditur irrimarka li l-Eks ASE is-Sur Formosa kellu suppost jagħmel *mid-term audit* kif spiċċa u, dan baqa' ma sarx.

1.24 *General*

1.24.1 Punt 15.3 Is-Sindku informa lil-Kunsillieri lir-risposta għall-*management letter* trid tintbghat għall-aħħar ta' Mejju, 2012. Is-Sur Sultana talab li jkollu kopja ta' l-ittra li tintbagħat.

1.25 Il-laqgħa spiċċat fit-8.10 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace J Anastasi | Is-Sinj Louise-Anne Gusman |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati Illum, it-Tnejn 23 ta' Lulju 2012